# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 36/K8/17

Data tal-laqgħa: 14 ta' Settembru 2017

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Dott. Albert Buttigieg – Viċi Sindku
Martin John Sultana – Kunsillier
John Agius - Kunsillier
Edgar Montanaro– Kunsillier
Clayton Luke Mula – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (3)) – (1)**

Il-Kunsillier Rita Dimech Portelli (Inc. 5829/2017)
Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy (Inc.5822/2017)
Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul (Inc. 5818/2017)

**Assenti:** (0)

**Uffiċjal Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (1)

**Minuti**

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Is-Sindku Guido Dalli ppresieda l-laqgħa.

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**36.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

36.1.01 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli, il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul u l-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy talbu li jiġu skużati għal-laqgħa tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni. Il-Kunsillier Clayton Luke Mula u l-Kunsillier John Agius infurmaw lill-Kunsill li ser jattendu għal-laqgħa ftit tard.

**36.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

36.2.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 35/K8/17 għall-approvazzjoni.

36.2.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 35/K8/17.

36.2.03 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg issekondah.

36.2.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

36.2.05 Saret riferenza għall-item li ġie diskuss fil-laqgħa ta' qabel dwar l-ATM tal-BOV li ser issir ġewwa Ta' Ġiorni. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ser nkellmu lill-BOV minħabba li kellha ssir laqgħa.

36.2.06 Saret sospenzjoni tal-laqgħa sabiex tiġi diskussa l-problema li bħalissa għaddejja ġewwa Birkirkara Road ta' ħruġ ta' permessi għal-xogħolijiet li qed isiru matul il-lejl. Wara diskussjoni fit-tul ġie deċiż li l-Kunsillier Edgar Montanaro flimkien mal-Avukat tal-Kunsill ser jibagħtu ittra uffiċjali fejn fiha jżommu lill-Transport Malta responsabbli ta' inkonvenjent li qed jinħoloq lir-residenti.

36.2.07 Il-Kunsillier Martin John Sultana ġie skużat fil-5.10p.m.

36.2.08 Is-Segretarju spjega dwar li l-fondi tal-UIF li l-ammont offrut min-naħa tagħhom jiskadi f'Jannar 2019, f'każ li dan l-ammont stipulat ma jintużax dan jintilef.

36.2.09 Is-Segretarju informa lill-Kunsill li wara talba li għamel lis-Sur Bracco Barcina mill-*Parlamentary Assembly of the*

*Mediterranean* biex jintuża Palazzo Spinola għaċ-ċerimonja tal-ġemellaġġ, dan infurmana li l-post mhuwiex addatat minħabba ħsarat struturali u għaddilna kopja tar-rapport mill-Perit tagħhom.

36.2.10 Tqajjem il-punt dwar il-Monument tal-Gwerra, s-Segretarju spjega li kien instab li kien hemm digriet mill-Kurja maħruġ fin-1988 li kien jagħti permess biex jinbena monument fiz-zuntier tal-Knisja ta' Lapsi. Kien hemm qbil li nerġgħu niktbu lill-Kurja sabiex jingħata permess għall-bini ta' dan il-monument.

36.2.11 Is-Segretarju ressaq għad-diskussjoni, abbozz ta' ftehim dwar *works manager,* saret diskussjoni fejn kien hemm nuqqas ta' qbil.

36.2.12 F'dan l-istadju, il-Kunsillier John Agius hareġ mill-laqgħa. Minħabba li f'dan l-istadju ma kienx baqa' *quorum* il-laqgħa ġiet aġġornata *sine din*.

36.2.13 Il-laqgħa ntemmet fis-6.05p.m.

| | |
|---|---|
| **Guido Dalli**<br>**Ċermen** | **Paul Spiteri**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |

**Data:** 25 ta' Settembru 2017